MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 880/1995/1

**Anthony Mangion**

**vs**

**Albert Mizzi u Paul Caruana ghan-nom u in rappresentanza tal-"Malta Shipbuilding Company Limited" u b'digriet ta' l-1 ta' Marzu 2000 il-kliem "Albert Mizzi u Paul Caruana ghan-nom u in rappresentanza tal-…" gie imhasssar mic-citazzjoni u mid-dikjarazzjoni u b' digriet tat-3 ta' Marzu, 2004 l-atti gew tasfuzi f'isem Saviour Gauci bhala ufficjal pubbliku mahtur biex jidher f'isem il-Gvern ta' Malta**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:

Illi fis-26 ta' Jannar 1993 waqt li l-attur kien qed jahdem, b'inkarigu tal-konvenuti nomine, fil-Malta Shipbuilding Company Limited, huwa korra serjament f'idejh ix-xellugija u sofra dizabilita permanenti kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-konvenuti nomine huma responsabbli ghal dan il-korriment li sofra l-attur u ghad-danni kollha konsegwenzjali peress li dan il-korriment gara minhabba t-tort u jew negligenza u jew nuqqas ta' osservanza ta' prekawzjonijiet mehtiega da parti tal-istess konvenuti nomine;

Illi l-konvenuti nomine gew interpellati biex jersqu ghal likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha sofferti mill-attur izda baqghu inadempjenti;

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenuti nomine jghidu ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex: -

Tiddikjarhom responsabbli ghal korriment u ghad-dizabilita permanenti u danni konsegwenzjali li sofra l-attur fis-26 ta' Jannar 1993;.

Tillikwida d-danni sofferti mill-attur okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;.

Tikkundanna lill-konvenuti nomine jhallsu lill-attur id-danni kollha hekk likwidati;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja tas-6 ta' Lulju 1994 u tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Awissu 1994 kontra l-konvenuti nomine li gew ukoll ingunti ghas-subizzjonzi;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta fejn gie eccepit:

Preliminarjament it-talba attrici hi infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjenti nomine ma huwiex responsabbli ghall-incident li dwaru l-attur jallega li sofra danni;

F' kull kaz izda bla pregudizzju ghall-premess l-attur ma ghandu l-ebda disabilita' permanenti;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat id-digriet taghha (diversament presjeduta) tal-31 ta' Ottbru 1995 li bih gie nominat bhala perit legali l-Avukat Dottor Joseph Azzopardi (illum Imhallef) u dana bil-fakoltajiet kollha soliti;

Rat li l-Kirurgu Mr. Charles Grixti ippresnta u kkonferma fil-kors tas-seduta ta-25 ta' Mejju 1999, f'iema rapport hemm indikat li l-istess Mr. Charles Grixti gie nominat bhala espert mediku fl-imkien mal-perit legali u dana b'digriet ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta;

Rat id-digriet taghha (diversament presjeduta) ta' l-1 ta' Marzu 2000 li bih il-kliem "Albert Mizzi u Paul Caruana ghan-nom u in rappresentanza tal-…" gie imhasssar mic-citazzjoni u mid-dikjarazzjoni;

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali ippresentata u debitament konfermata bil-gurament fil-kors tas-seduta tat-18 ta' Mejju 2001;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti (diversamenr presjeduta) tal-4 ta' Jannar 2002 li bih giet ordnat l-isfilz tar-rapport presentat mill-kirurgu Mr. Charles Grixti u dana ghar-ragunijiet kontenuti fl-istess digriet;

Rat id-digriet taghha (diversament presjeduta) tat-8 ta' Frar 2002 li bih gie nominat bhala espert mediku l-kirurgu Mr. Anthony Bernard;

Rat ir-rapport tal-imsemmi espert mediku debitament konfermat fir-registra ta' din il-Qorti fit-3 ta' Frar 2004;

Rat id-digriet taghha tat-3 ta' Marzu li bih in vista tal-provedimenti tal-Att dwar ir-Ristrutturar Tat-Tarznari (Kapitolu 466 tal-Ligijiet ta' Malta) gie ordnat li l-atti ta' din il-kawza jigi trasfuz f'isem Saviour Grixti bhala ufficjal pubbliku mahtur birx jidher f'isem il-Gverna ta' Malta;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur;

Rat in-nota ta' osservazzjonjiiet tal-konvenuti;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ulterjuri tal-attur;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Jirrizulta li fis-26 ta' Jannar 1993, ghall-habta tal-10.00am, sehh incident li fih kien involut l-attur, li kien jahdem mal-konvenuti bhala mastrudaxxa jew "wood-worker." Fl-incident l-attur kien qed igorr ghamara go kaxxa kbira tal-injam biex l-ghamara tinhatt abbord fuq vapur. L-attur kellu jidhol fl-imsemmija kaxxa kbira, li kienet imdendla ma' crane, u kien qed inewwel l-ghamara lill-haddiema ohra li kienu gia jinsabu abbord. F'hin minnhom l-imsemmija kaxxa kbira tmejlet u l-attur intefa' 'l barra ghal isfel mit-tieni "deck" ghall-ewwel "deck" u cioe' gholi ta' cirka erba' metri u b'hekk l-attur korra f'idejh ix-xellugija;

Fic-citazzjoni l-attur jallega li, fl-imsemmi incident, huwa korra serjement u sofra dizabilita permanenti. Huwa ikompli jippremetti li l-konvenuti huma responsabbli ghall-istess incident kif ukoll ghad-danni kollha konsegwenzjali li sofra l-istess attur. Fid-dikjarazzjoni l-attur jghid li l-konvenuti ma pprovdewx "a safe system of work." Ghalhekk l-attur qed jitlob li jigi dikjarat li l-konvenuti huma responsabbli ghal korriment u ghad-dizabilita permanenti u danni konsegwenzjali li sofra l-attur. Qed jitlob ukoll li jigu likwidati dawn id-danni u li konsegwentement il-knvenuti jigu kkundannati ihallsu d-danni hekk likwidati;

Il-konvenuti qed jeccepixxu li huma mhux responsabbli ghall-incident in kwestjoni u li fi kwalunkwe kaz l-attur ma sofra l-ebda disabilita' permanenti. Fid-dikjarazzjoni taghhom il-konvenuti jispecifikaw li l-attur thallas is-somma ta' Lm3232.32 ghas-saldu tal-pretensjoni tieghu u dana mill-assikurazzjoni taht il-Group Personal Accident Policy;

F'dawn il-proceduri gew nominati l-Avukat Dottor Joseph Azzopardi (illum Imhallef) bhala perit legali u l-Kirurgu Mr. Anthony Bernard bhala espert mediku. Il-perit legali kkonkluda li l-konvenuti ghandhom jigu ritenuti responsabbli ghall-incident in kwistjoni billi ma pprovdewx sistema bizzejjed tajjeb biex l-incident in kwestjoni ma jsehhx. Kwantu ghal-likwidazzjoni tad-danni l-perit legali deherlu li hu ekwu u gust li l-"multiplier", li ghandu jigi adottat ghar-rigward ta' hajja lavorattiva tal-attur, ghandu jkun ta' ghoxrin (20) sena. L-introjtu tal-attur kien cirka Lm3000 fis-sena. Il-perit legali kkonsidra l-konkluzjoni tal-espert mediku. Inoltre kkonkluda ukoll li ghandu jitnaqqas l-ammont ta' Lm3,232 li l-istess attur gia rcieva minghand l-assikuratrici. Huwa kkonsidra ukoll li hi fid-diskrezzjoni tal-Qorti jekk ghandux jitnaqqas l-ghoxrin fil-mija (20%) bhala "lump sum deduction." Il-Perit Legali qal, pero', li ma jhossx li ghandu jikkonsilja din ir-riduzzjoni in vista tal-fatt li kienu ghaddew diversi snin minn meta sehh l-incident;

L-espert mediku kkonkluda, wara li esamina lill-attur u wara li ha in konsiderazzjoni dak kollu li seta' kien rilevanti, li d-dizabilita permanenti li sofra l-attur, kawza tal-incident in kwestjoni, hi ta' 30% (tletin fil-mija). Ma jirrizulta xejn kontradittorju fir-rapport tal-espert mediku. Id-dizabilita' li sofra l-attur kienet konsegwenza tal-incident in kwestjoni. Ghalhekk dan ir-rapport qed jigi adottat mill-Qorti;

Il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni, li wasal ghaliha l-abbli perit legali, fis-sens li l-konvenuti ghandhom jigu ritenuti responsabbli ghall-incident in kwestjoni stante li huma ma pprovdewx "a safe system of work" ghar-rigward tax-xoghil li kien qed jghamel l-attur meta sehh l-incident. Il-

konvenuti naqsu li jizguraw li jittiehdu l-mizuri u l-prekawzjonijiet kollha ragonevoli biex il-post tax-xoghol ikun, sa fejn huwa ragonevolment prattiku, hieles minn kull periklu ghas-sahha u ghas-sigurta'. Mhux bizzejjed li il-konvenuti pprovdew l-ilbies kollu necessarju ghas-sigurta' tal-attur, inkluz "safety shoes." Il-periklu kien ghar-rigward tal-kaxxa li kienet imdendla mal-crane. Il-kaxxa setghet facilment ticcaqlaq minhabba diversi ragunijiet u b'hekk l-attur li kien gol kaxxa kien f'periklu kostanti li jinbezzaq mill-istess kaxxa u jaqa ghad-deck ta' taht. Dan hu li effettivament gara. Jirrizulta ukoll li wara li sehh l-incident, il-konvenuti hadu hsieb li jtellghu "scaffolding" appuntu sabiex ma jergax jirrepeti ruhu incident bhal dan in kwestjoni. Ma jirrizulta ebda agir negligenti da parti tal-attur li seta kkontribwixxa sabiex sehh l-incident. Il-massima "volenti non fit injuria" mhux applikabbli f'dan il-kaz peress li zgur li ma jirrizultax li l-attur volontarjament accetta li jidhol ghar-riskju li l-attur kien jaf li jesisti. Hu car li dan l-incident seta biss gie evitat f'kaz li l-konvenuti pprovdew ambjent li jissikura l-inkoluminita' tal-haddiema taghhom;

Kwantu ghal likwidazzjoni tad-danni u ghal dawk li jirrigwarda d-'damnum emergens', l-attur dam sena ma jidholx ghax-xoghol u ghalhekk tilef pagamenti ghas-sahra u ghall-allowances. F'dan ir-rigward, l-ammont li tilef l-attur jirrizulta li ghandu jigi kalkolat fis-somma ta' Lm300 u kwindi tali somma ghandha tigi akkordata lill-attur bhala "damnum emergens.";

Kwantu ghal-"lucrum cessans" jirrizulta li l-attur kellu tmienja u tletin (38) sena meta sehh l-incident. Illum l-eta' pensjonabbli tbiddlet u inoltre l-aspettativa tal-hajja illum hi ta' aktar snin. Ghalhekk il-multipier f'dan il-kaz ghandu ikun ta' tlieta u ghoxrin (23) sena. Jirrizulta ukoll li l-introjtu tal-attur ghas-sena 1993 kien ta' Lm3359 oltre dak dovut ghas-sahra u bhala allowances. Tenut kont ta'dak kollu li jista jeffettwa u jvarja d-dhul tal-attur tul l-aspettativa tal-hajja lavorativa tieghu, tali dhul ghandu jigi kalkolat fis-somma ta' Lm3800 fis-sena. Skond il-konkluzjoni li wasal ghaliha l-espert mediku d-dizabilita' permanenti li sofra l-attur hi ta' tletin fil-mija (30%). Tenut kont tac-cirkostanzi

kollha partikolari tal-kaz ghandu ikun hemm tnaqqis ta' ghaxra fil-mija (10%) u dan in vista tal-fatt li l-pagament tad-danni ser isir f'pagament wiehed ("lump sun payment");

Ghalhekk id-danni ghar-rigward tad-"damnum emergens" ghandhom jigu likwidati fis-somma komplessiva ta' hamsa u hamsin elf tmien mija u seba euro u tlettax centezmi (€55807.13) u cioe 23 sena x Lm3800 x 30% = Lm26220 – 2622 (10%) = Lm23958 ekwivalenti ghal €55807.13;

Id-danni kollha komplessivi ghandhom jigu likwidati fis-somma ta' sitta u hamsin elf hames mija u hames euro u erbgha u disghin centezmi (€56505.94) u cioe' €55807.13 + €698.81 (ekwivalenti ghall Lm300 – lucrum cessans);

Il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-attur fis-sens li m'ghandux jitnaqqs mis-somma likwidata, l-ammont li l-attur rcieva mill-assikurazzjoni. L-ammont imhallas mill-assikurazzjoni hu pagament in sodisfazzjoni tal-polza ta' assikurazzjoni li kellu l-attur u dan il-pagament m'ghandux x'jaqsam ma dawn il-proceduri li qed isiru sabiex jigu likwidati d-danni sofferti mill-attur minhabba l-agir tal-konvenuti. Il-pagament li sar mill-assikurazzjoni hu pagament indipendenti minn kull hlas li jista jkun dovut bhala danni mill-konvenuti;

Fid-dawl ta' dak kollu li gie premess l-ecezzjonijiet kollha tal-konvenuti jisthoqqilhom li jigu rigettati, filwaqt li t-talbiet kollha tal-attur jimmeritaw li jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet tal-attur u tiddikjara l-konvenuti responsabbli ghal korriment u ghad-dizabilita permanenti u danni konsegwenzjali li sofra l-attur fis-26 ta' Jannar 1993; tillikwida d-danni komplessivi sofferti mill-attur fis-somma ta' sitta u hamsin elf hames mija u hames euro u erbgha u disghin centezmi (€56505.94) u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur l-imsemmija somma ta' €56505.94 in linea ta' danni, bl-

imghaxxijiet kollha legali mid-data ta’ din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------